DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 9/2011

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE [2], għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 242/2010 tad-19 ta' Marzu 2010 li joħloq Katalgu tal-materjali tal-għalf [3], għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2010 tas-26 ta' Mejju 2010 dwar il-miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ittikkettjar għall-għalf [4], għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 jirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE [5], id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE [6], id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE [7], 83/228/KEE [8], 93/74/KEE [9], 93/113/KE [10], u 96/25/KE [11] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE [12] li ġew inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandhom jiġu rrevokati skont il-Ftehim.

(6) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 1a (ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 R 0767**: Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1)."

2. It-test tal-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/113/KE), tal-punt 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE), tal-punt 8 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE), tal-punt 11 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE), tal-punt 14a (id-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE), tal-punt 14b (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE), tal-punt 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE) u tal-punt 16 (id-Direttiva tal-Kunsill 83/228/KEE), għandu jitħassar.

3. Dan li ġej għandu jiddaħħal fil-punt 47 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009):

"It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf

48. **32009 R 0767**: Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1).

49. **32010 R 0242**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 242/2010 tad-19 ta' Marzu 2010 li joħloq Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 77, 24.3.2010, p. 17).

50. **32010 R 0454**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2010 tas-26 ta' Mejju 2010 dwar il-miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ittikkettjar għall-għalf (ĠU L 128, 27.5.2010, p. 1)."

[1] ĠU L 58, 3.3.2011, p. 73.
[2] ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.
[3] ĠU L 77, 24.3.2010, p. 17.
[4] ĠU L 128, 27.5.2010, p. 1.
[5] ĠU L 86, 6.4.1979, p. 30.
[6] ĠU L 126, 21.5.1980, p. 14.
[7] ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8.
[8] ĠU L 126, 13.5.1983, p. 23.
[9] ĠU L 237, 22.9.1993, p. 23.
[10] ĠU L 334, 31.12.1993, p. 17.
[11] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 35.
[12] ĠU L 67, 5.3.2004, p. 31.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 u tar-Regolamenti (UE) Nru 242/2010 u (UE) Nru 454/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, illi għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim, lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.